# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)"

**JANNAR – GUNJU 1943 ]   IT-TNAX-IL SENA   [ Għadd 143-148**

## EDITORJAL

Beda dieħel fostna dak l-ispirtu ta' qawmien li ilna nixtiequ ħafna—dieħla fl-istudenti l-għaqda, is sens li aħna għada rridu jkollna t tmexxija ta' Malta f'idejna. U aħna, l-istudenti, m'aħniex u ma rridux inkunu maqtugħin għalina, m'aħniex biss tal-lazz aħmar, mifrudin minn ħutna l-oħra Maltin, Aħna miġburin minn kull fergħa tal-ħajja u dan l-ispirtu ta' għaqda rridu nxerrduh ma' ħutna kollha: fil-għaqda biss hemm s-saħħa. Qabel ninsew it-tweġħir ta' bejnietna u nkaxkru lil kull min irid jifridna ma nistgħux nimxu 'l quddiem. L-ewwel irbit li jgħaqqadna flimkien hu l-lsien. Dan għednieh ħafna drabi u nibqgħu ngħiduh għax jekk ma nwaħħluhiex f'moħħna li aħna fuq kollox Maltin, ma nagħmlu xejn. Dan hu l-ewwel pass: taħdit fuq bini u twelid ta' Malta ġdida jkun fieragħ jekk ma nagħarfux dan. Wara l-gwerra nkunu biċċa żgħira minn Imperu mxerred malerbagħt irjieħ tad-dinja: jekk ma ngħożżux u nżommu dak li hu tagħna u tagħna biss f'dak il-wisa' kollu nintilfu u tifħir u diskors ikun kollu kliem fir-riħ. Aħna nemmnu li l-poplu tagħna nistgħu nuruh biss xinhu u xinhuma d-drittijiet tiegħu bil-kitba Maltija. Il-kitba għandha saħħa aktar minn kull ħaġ'oħra u bil-pjaċir kollu rajna dan magħruf u mistqarr mill-On. Imħallef W. H. Harding, B. Litt., LL.D. fid-diskors tiegħu fil-British Institute fuq it-twelid ta' Malta ġdida. Il-poeżija għandha s-saħħa li tqanqal u terfa' u tmexxi 'l quddiem: Lorca

kellu s-saħħa jagħti l-ħajja u jqajjem ruħ Spanja marida u mjassra. Poeti ta' din ix-xeħta m'humiex jidhru fil-Leħen il-Malti u fiċ-ċokon ta' Malta u fil-qagħda li tinsab fiha mhux la kemm jidhru. Dak li rridu u dak li għandna bżonn hi proża—rumanzi u kitba oħra kollha kemm hi mħawla fil-ħajja u fit-tradizzjoni Maltija. Il-proża li għandna tiġri f'idejn is-suldati u n-nies tagħna fil-ftit siegħat tagħhom ta' mistrieħ hi mejta: ħażina minn barra u minn ġewwa. Niesna jridu jaqraw: għalina x'sa nagħtuhom. Hemm bżonn li ma jibqgħux sajmin minn kull tagħlim ta' storja u tradizzjoni Maltija u li l-idejjiet tagħhom fuq il-ħajja u fuq is-siwi tagħha ma jkunux biss dawk li jibgħatulna minn Hollywood. Tagħlim sod li l-poplu tagħna jista' jwieġeb għalih għax diġa mħawwel fih għandna. Nistgħu nqajjmu t-tradizzjonijiet nsara tagħna li l-lum, minkejja t-tifħir tad-dinja, ftit jidhru qalbna. Fid-dawl ta' dawn nistgħu nuru x'għanda tkun it-tweġiba tagħna għall-ħajja. Dan tgħidu hu xogħol il-Knisja imma l-Knisja nagħmluha aħna u aħna nsara f'kollox u kullimkien.

Aħna m'aħniex biss biċċa mill-Ewropa, mixjin mal-kurrent tal-Ewropa: aħna wkoll biċċa mill-Imperu u għad li, kif għedna, hemm bżonn inżommu dak li jagħżilna mill-oħrajn biex ma nintilfux, jaħtieġ ukoll li nkunu nafu xinhi din il-familja u xinhuma l-prinċipji li fuqhom iż-żomm magħquda. Aħna fiċ-ċokon tagħna ndħalna għax-xogħol li messna: jaqbel ukoll nidħlu għad-drittijiet li tista' tagħtina: biex iseħħ dan hemm bżonn inkunu magħquda fi ħsiebna u f'għamilna.

Dr. A. V. LAFERLA, L.L.D., O.B.E.

Il-ħajja għal-ġlied u għat-taqbid għal dak li huwa siewi: mal-mewt is-skiet u daqqa ta' għajn lura lejn dak li għadda. Mhux darba minn hawn kellna xi ngħidu ma' Dr. Laferla, imma b'daqshekk ma jfissirx li aħna

ma nagħarfux jew ma konniex nagħarfu x-xogħol tiegħu tiegħu għal Malti u għal Malta. Fix-xogħol tat-tagħlim kellu ħafna min jikkritikah: ħaġa ħafifa tmaqdar—ħaġa tqila taħdem. Meta naraw kif kien it-tagħlim f'Malta meta ħadu f'idejh Dr. Laferla u kif ħallih hu wara għoxrin sena fi żmien ta' taqlib ma nistgħux ma ngħidux li x-xogħol tiegħu kien ta' siwi kif hi ta' siwi l-kitba tiegħu fuq Malta, l-iktar fuq l-aħħar seklu ta' l-Istorja tagħha.

KITBA MALTIJA BARRA MINN MALTA

Dan l-aħħar ħareġ fl-Ingilterra ktejjeb ta' bċejjeċ ta' kitba Maltija maqluba għall-Ingliż. F'idejna għadu ma wasalx, imma mid-dehra nogħġbot u l-*Catholic Herald* ġiebet rivista tiegħu. Il-*World Digest* sa xxandar bċejjeċ ta' Ġużè Aquilina, Ġużè Chetcuti u J. Cutajar Beck. B'kitba bħal din—jekk tkun tajba u ħajja—nistgħu nuru lid-dinja, min aħna u kif inħossuha fuq ħafna ħwejjeġ li jolqtuna fil-qrib.

*STOP PRESS*

Meta dan in-numru kien wasal għal ħruġ saru żewġ ħwejjeġ li jolqtuna kemm bħala Maltin u bħala Studenti—*Lecture* fuq l-ANGLO-MALTESE CULTURE, li l-President tal-Għaqda, il-prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph. (Lond.) għamel il-British Institute u Kunċert li sar minn l-Istudenti taħt it-tmexxija tal-*S. R. C.*

Il-prof. Aquilina qal ċar u tond kif naħsbuha u fuq liema sisien għandhom jitwaqqfu t-tagħlim u l-ħajja kulturali ta' Malta—tajjeb li llum ma nkunux mifhuma ħażin.

Barra li nifirħu lil kull min kellu x'jaqsam mal-kunċert tal-*S.R.C.*—aħna nqisuh bħal wieħed mill-ewwel sinjali ta' ħajja fl-Università.

Nitkellmu iktar fit-tul f'ħarġa oħra.

ANTON CALLEJA.